MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Numru 281/1998

Il-Pulizija
(Spettur Alexandra Mamo)

vs

Charles Lebrun
Ommissis

Il-Qorti;

Rat li l-imputat, Charles Lebrun ta' 54 sena, iben Joseph u Anne nee' Portelli, imwieled il-Gzira fil-5 ta' Gunju 1952 u residenti No. 3, Dibrell Flats, Claire Street, St. Julian's u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 447452(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar snin, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda b' mezzi kontra l-Ligi jew

billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamel qliegh ta’ aktar minn Lm11,000 ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u persuni ohra bi ksur ta’ l-Artikolu 308 u 310(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 18, 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali (a fol. 129 tal-process).

Semghet lill-imputat fuq imsemmi jwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti ta’ din il-kawza, d-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Rat id-digriet tad-19 ta’ Jannar 2001 fejn giet milqugha t-talba tal-Prosekuzzjoni u ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju f’ din il-kawza peress li l-imputat l-iehor Mohammed Marwan Ayedi kien telaq minn Malta permanentement u fejn tkomplew il-proceduri fil-konfronti ta’ l-imputat Charles Lebrun filwaqt li dawk fil-konfronti ta’ Ayedi gew differiti *sine die*.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tirrigwarda rapport li sar lil Pulizija dwar allegat kaz ta’ frodi, liema rapport sar mid-Dipartiment tad-Dwana. Mix-xhieda ta’ Martin Debattista ta’ l-14 ta’ Mejju 1998 (a fol. 25 et seq. tal-process) jirrizulta li fil-15 ta’ April 1997 kienet giet rilaxxjata merkanzija mportata minn Golden Valley Company Limited u dan wara li l-forwarding agents ta’ l-imsemmija socjeta’ kienu pprenzentaw cheque pagabbli lil Kontrollur tad-Dwana fl-ammont ta’ Lm11,565.00 liema ammont kien ikopri s-somma dovuta bhala Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, levy u dazju fuq il-

merkanzija mportata. Dan ic-cheque, li kopja tieghu tinsab esibita a fol. 28 tal-process, kien mahrug minn Golden Contracting Limited u ffirmat mill-imputat Charles Lebrun u minn Mohammed Marwan Ayedi. Martin Debattista spjega li dan ic-cheque ma ssarrafx u mar lura ‘referred to drawer’ u dan wara li gie pprezentat lil Bank of Valletta plc f’ zewg okkazzjonijiet. Debattista jghid ukoll li sussegwentement gie pprezentat lil Kontrollur tad-Dwana cheque iehor, din id-darba datat 1 ta’ Gunju 1997 (li jinsab esibit a fol. 29 tal-process) u dejjem ghall-istess ammont izda anki dan ic-cheque gie lura ‘refer to drawer’. Dan it-tieni cheque kien mahrug minn Cleanwell Services Limited u ffirmat mill-imputat Charles Lebrun. L-ammont dovut bhala VAT, levy u dazju lil Kontrollur tad-Dwana baqa’ ma thallasx u dan nonostante li l-merkanzija in kwistjoni giet rilaxxjata lis-socjeta’ importatrici Golden Valley Company Limited kif jirrizulta mir-release order relattiv esibit a fol. 74 tal-process.

Mill-provi rrizulta li l-imputat Charles Lebrun u Mohammed Marwan Ayedi flimkien ma’ Yousif Ahmed Issa Mohammed kienu diretturi tas-socjeta’ Golden Contracting Company Limited (vide il-Memorandum and Articles of Association relattiv esibit a fol. 46 et seq. tal-process). Irrizulta wkoll li l-imputat Charles Lebrun huwa direttur flimkien ma’ Anna Lebrun u Caroline Lebrun tas-socjeta’ Cleanwell Services Limited (ara l-Memorandum and Articles of Association relattiv esibit a fol. 94 et seq. tal-process). Mill-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta’ Golden Valley Company Limited esibit a fol. 175 et seq. tal-process irrizulta wkoll li l-imputat Charles Lebrun qatt ma kellu ebda konnessjoni ma’ din is-socjeta’ la bhala direttur u lanqas bhala azzjonist. Lanqas ma jirrizulta li Golden Contracting Limited u Cleanwell Services Limited kellhom x’ jaqsmu ma’ Golden Valley Company Limited hlief ghal fatt li Yousif Ahmed Issa Mohammed kien direttur kemm ta’ Golden Valley Company Limited kif ukoll ta’ Golden Contracting Limited.

Meta xehed l-imputat Charles Lebrun f’ dawn il-proceduri huwa sostna li ma kellu ebda konnessjoni ma’ Golden Valley Company Limited u spjega li c-cheque li kopja

tieghu tinsab esibita a fol. 28 tal-process huwa kien iffirmah in blank wara li kien gie mitlub jaghmel dan minn Yousif Ahmed Mohammed Issa li kien jiehu hsieb l-amministrazzjoni ta’ Golden Contracting Limited. Huwa qal li ma kienx jaf li dan ic-cheque kien ser ikun pagabbli lil Kontrollur tad-Dwana. L-imputat Lebrun qal ukoll li huwa kien hareg u ffirma c-cheque esibit a fol. 29 tal-process nonostante li kien jaf li ma kienx hemm l-ammont in kwistjoni fil-kont ta’ Cleanwell Services Limited u dan ghamlu il-ghaliex Yousif Ahmed Issa Mohammed kien talbu jaghmillu pjacir u johrog dan ic-cheque, billi offrielu bhala garanzija cheque fl-ammont ta’ 100,000 US Dollars mahrug fuq l-Arab National Bank u wara li pprezentalu xi dokumenti tal-Bank of Valletta International plc li kienu jindikaw li kienu ser jghaddu 50,000 US Dollars ohra lil dan ta’ l-ahhar. L-imputat Lebrun qal li dan ic-cheque ta’ l-Arab National Bank baqa’ qatt ma ssarraf. Huwa qal ukoll li ma kellu x’ jaqsam xejn mas-socjeta’ Golden Valley Company Limited u li s-socjeta’ Golden Contracting Services Limited u Cleanwell Services Limited ma kellhom ebda relazzjoni kummercjali mad-Dipartiment tad-Dwana u ma ghamlu ebda qliegh a skapitu tal-Kontrollur tad-Dwana.

Ikkunsidrat;

Illi sabiex tinstab htija ghar-reati kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ ir-reati li bihom jinsab akkuzat l-imputat Charles Lebrun, irid jirrizulta li kien hemm frodi jew truffa perpetrata li ggib telf patrimonjali lil vittma u qliegh ghal min jeffettwa tali frodi. F’ dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet **il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)** f’ sentenza moghtija fit-**12 ta’ Frar 1999** fil-kawza fl-ismijiet **‘Il-Pulizija vs Francis Willoughby u cioe**:-

*“Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta’ ingann jew qerq, liema ngann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija vs. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara*

*wkoll Il-Pulizija vs. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija vs. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija vs. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija vs Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija vs. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)."*

Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni fil-kaz odjern bl-ebda mod ma rrizulta sal-grad rikjest mil-Ligi fil-kamp kriminali li l-imputat Charles Lebrun ghamel xi qliegh jew gwadann a skapitu tal-vittma li f' dan il-kaz huwa il-Kontrollur tad-Dwana. Mir-release order esibit a fol. 74 tal-process fil-fatt irrizulta li l-gwadann sar mis-socjeta' Golden Valley Company Limited u dan ghaliex il-merkanzija giet rilaxxjata favur taghha. Ma ngabet ebda prova li tindika li l-imputat Charles Lebrun kellu xi konnessjoni ma' l-imsemmija socjeta' jew li huwa b' xi mod kellu x' jaqsam mal-merkanzija li giet rilaxxjata bil-konsegwenza li ghamel xi qliegh mir-rilaxx ta' tali merkanzija.

Il-Qorti jidrilha li l-akkuza migjuba fil-konfronti ta' l-imputat Charles Lebrun ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mil-Ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------